**Il-mara bil-mikfronu**

Iggustajtha titħaddet, f'lejla wara ħafna ħidma
U qgħadt bilqiegħda nisma', imġewwaħ nieħu gidma.

U ġera moħħi sewwa mal-ibgħad imkejjen ħbieb
Dar 'l hawn u 'l hemm tant li stħajjiltu, żugraga t'irmied.

Imma aktar ma fettillu jiġri aktar sab mistrieħ
Għax tbiegħed minn niċeċ u l-kampnari, mar għand in-nies.

Mhux importanti minn dawn x'kienu jew x'jemmnu għeżież
L-aqwa l-qalb li lesta tħobb u tilqa', mhux hi l-megħries?

Li tidħan kulma jingħadilha u tagħrbel kollox
Mhux hi tgħallmet li fil-ħajja ma tkunx ħorrox borrox?

Ruħ il-Qdusija għallimha li fuqha sema hemm
Mela ħa tkellem naqra lilu meta tkun fil-hemm?

U tgħodd kull bniedem u bniedma ta' dak li tassew hi
B'hekk tibqa' tgħix ferħana fit-tlajja' u l-inżul ħi.

Wara kollox dan Alla kemm hu ta' min iħobbu
Jagħtik qalbu kull darba li titolbu, mel'għożżu.

U ħallieh ilaqqgħek ma' uliedu għaliex kollha
Għandhom x'jgħallmuk u magħhom tħossok maqgħud bil-kolla.

Tal-imħabba li ma tafx minn fejn ġiet u fejn sejra
Anki jekk fi triqtek tiltaqa' mal-għawġ, x'suffejra.

Qawwi qalbek u ibqa' xandar lill-monotonu
Il-ferħ li taf twassal o mara bil-mikrofonu.

Patri Mario Attard OFM Cap
19 ta' Novembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.